32005D0115

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Frar 2005

dwar l-issoktar fis-sena 2005 ta' provi u testijiet komparattivi fuq materjal ta' propagazzjoni u tħawwil ta' pjanti tal-frott ta' ċerti speċi skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE li ngħataw bidu fl-2004

(2005/115/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE tat-28 ta' April 1992 dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u pjanti tal-frott, maħsuba għall-produzzjoni tal-frott ([1])

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/894/KE tal-11 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u t-testijiet komparattivi tal-Komunità fuq materjal ta' propagazzjoni u tħawwil ta' *Prunus persica* (L.) Batsch, *Malus* Mill. u *Rubus idaeus* L skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2003/894/KE tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u t-testijiet komparattivi li għandhom jitwettqu skond id-Direttiva 92/34/KEE fir-rigward ta' *Prunus persica* (L.) Batsch, *Malus* Mill. u *Rubus idaeus* L. mill-2004 sa l-2008.

(2) It-testijiet u l-provi mwettqa fl-2004 għandhom jissoktaw fl-2005,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-provi u t-testijiet komparattivi tal-Komunità li bdew fl-2004 fuq il-materjal ta' propagazzjoni u tħawwil ta' *Prunus persica* (L.) Batsch, *Malus* Mill. u *Rubus idaeus* L għandhom jissoktaw fl-2005 skond id-Deċiżjoni 2003/894/KE.

Magħmula fi Brussell, fis-7 ta' Frar 2005

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 157, ta'l-10.6.1992, pġ. 10. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/111/KE (ĠU L 311, ta-27.11.2003, p. 12).

([2]) ĠU L 333, ta'-20.12.2003, p. 88.